MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 85/2005

**Cefai Carmel**

**vs**

**Spiteri Larry**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Peress illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma ta' elf mija u erbgha u ghoxrin lira Maltin u hmistax-il centezmu (Lm1124.15) dovuti lilu bhala prezz ta' banju li twahhal ,a' tractor, liema banju gie ikkonsenjat lilek mill-attur fuq talba tieghek stess u issa nbiegh minnek lil terzi.

Il-konvenuti ghandu jigi kkundannat ihallas ukoll l-imghaxijiet fuq dan l-ammont, l-ispejjes ta' l-ittra interpellatorja minbghuta lill-konvenut, ta' l-ittra ufficjali

mibghuta fl-1 ta’ Gunju 2005 u l-ispejjes ta’ din il-procedura.

Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.”

Ra r-risposta li tghid hekk:

“Risposta tal-konvenut, jesponi bil-qima:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati kemm fid-dritt kif ukoll fil-fatt.

Illi l-banju li qed jirreferi ghalih l-attur twahhal minnu stess ma’ tractor li huwa xtara minghand l-esponenti. It-tractor gie ritornat lill-esponenti bil-banju mwahhal mieghu. Peress li l-banju kien sar apposta biex jaqbel ma’ dan it-tractor, l-attur ma kellux ghazla hlief li jirritorna t-tractor bil-banju b’kollox.

Illi l-attur kien stqarr ma l-esponenti li kien nefaq madwar erbgha mitt lira Maltin sabiex ifforma dan il-banju u wahhlu mat-tractor, u huwa talab lill-esponenti sabiex ibieghu u jakkwistalu prezz ghalih li almenu jkopri l-ispejjez tieghu.

Illi l-attur halla lill-esponenti liberu li jbiegh il-banju b’liema prezz irid purche’ jigbor l-erba’ mitt lira Maltija (Lm400) spejjez li nefaq fuqu.

Illi l-esponenti ma’ kien se jiehul-ebda gwadann minn dan kollu u accetta din it-talba ta’ l-attur unikament biex jaghmillu pjacir.

Illi wara li t-tractor gie ritornat lill-esponenti, huwa sab li partijiet minnu ccapsu biz-zebgha waqt li kien qed jinzebah il-banju mertu ta’ dan l-avviz. Ghalhekk dan affettwa l-prezz tat-tractor gialadarba kien jerga’ jinbiegh.

Illi fil-fatt l-banju ta’ l-attur inbiegh mill-esponenti bil-prezz ta’ erba’ mija u hamsin lira Maltija (Lm450)

Illi l-esponenti ppretenda li jzomm parti minn dan il-prezz minhabba l-hsara li kienet saret fuq it-tractor ritornat mill-

attur. L-attur irrifjuta dan u kien ghalhekk li nqala’ dizgwid bejn il-partijiet.

Illi l-esponenti ghadu jippretendi li mill-flus li gabar mill-bejgh tal-banju ghandu jitnaqqas il-valur li bih naqas it-tractor ritornat mill-attur.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk it-talba ta’ l-attur tigi milqugha minghjar ma tittiehed il-kunsiderazzjoni msemmija, is-somma li l-esponenti jista jigi kundannat li jhallas ma tistax tissupera l-erba’ mija u hamsin lira Maltija (Lm450). Dan ghaliex dan kien il-prezz li ngabar mill-esponenti ghall-banju in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.”

Sema’ l-provi

Ikkunsidra

Mhux ikkontestat bejn il-partijiet illi l-konvenut biegh tractor lill-attur bl-iskop li jintuza’ ghat-thammil tad-demel tal-annimali. Ghal dan il-ghan, it-tractor kellu bzonn banju li gie ffabrikat minn certu Pawlu Camilleri, li jigi r-ragel t’oht l-attur, filwaqt li l-pistons tieghu gew esegwiti minn persuna ohra. Il-konvenut wera lil Pawlu Camilleri kif jahdem il-banju u anke hallielu ghal xi jiem tractor bil-banju biex juzah bhala mudell. It-tractor bil-banju b’kollox gie ritornat lill-konvenut li accettahom lura. L-attur talab lill-konvenut sabiex jitla’ bi tractor tieghu komplut bil-banju sabiex jippruvah fir-razzett tieghu, izda l-konvenut naqas li jaghmel dan minkejja l-insistenza tal-attur.

Il-partijiet pero’ ma jaqblux fuq il-fattispecie l-ohra tal-kaz. Filwaqt li l-attur, ikkorroborat minn Pawlu Camilleri, jghid li kien hemm qbil li seta’ jirritorna t-tractor jekk jirrizulta illi ma kienx tajjeb ghall-iskop li ghalih ried jixtrieh; il-konvenut isostni li l-konvenut irritornalu t-tractor billi ma setax jimmanuvra bih fir-razzett tieghu. U filwaqt li l-attur jghid li nefaq LM1124.15 fuq il-banju u li l-konvenut accetta li jbieghlu l-banju u jigborlu dan il-prezz, il-

konvenut jghid li l-attur qallu li kien kuntent jekk il-konvenut jigborlu LM450 tal-istess banju.

Bejn dawn iz-zewg verzjonijiet, huwa d-dmir xejn facli ta' dan it-Tribunal li jara liema verzjoni hija l-iktar wahda verosimili u fin-nuqqas li hekk jistabbilixxi, jichad it-talba attrici a bazi tal-principju ben maghruf ta' *actore non probante reus absolvitur.*

Id-diverbju dwar ir-raguni tar-ritorn tat-tractor mill-attur, li kien xtrah, lill-konvenut, li kien bieghulu, ma jidhirx daqstant rilevanti ghas-soluzzjoni tal-vertenza: jekk gie ritornat minhabba li ma kienx b'sahhtu bizzejjed biex jerfa' d-demel inkella minhabba li ma kienx manuvrabbli fl-ispazju disponibbli fir-razzett tal-attur huwa ta' mportanza sekondarja ghax iz-zewg cirkostanzi jgibu l-konsegwenza li t-tractor ma kienx tajjeb ghall-iskop li ghalih kien inbiegh. Ta' dan jahti l-konvenut, li minkejja t-talbiet ripetuti tal-attur naqas li jmur jipprova t-tractor (jew iehor bhalu) fuq il-post. Flimkien mat-tractor, l-attur irritorna l-banju. Din il-konsenja ma hemmx dubbju li giet accettata mill-konvenut, tant li huwa biegh dan il-banju lil terzi. L-anqas hemm dubbju li l-banju sar bl-intiza li kien sejjer ikun ta' utilita' ghall-iskop volut mill-attur, u, fin-nuqqas, il-konvenut kien sejjer ikun obbligat ihallas l-ispejjez tieghu. Ma hemmx qbil pero' fuq il-prezz. Filwaqt li l-attur isostni li l-ammont totali huwa ta' LM1124.15, il-konvenut isostni li l-attur kien talbu jigborlu LM450 tieghu. Dan it-Tribunal isibha difficli jaccetta li l-attur qabel fuq din il-figura meta huwa kien nefaq izjed. Min-naha l-ohra, daqstant iehor isibha difficli jaccetta l-ammont kollu reklamat mill-attur. Huwa jaccetta l-ammonti ta' LM365.78 u LM117.37 imhallsa lil Peter Debono (Fol 14 u 15). Pero' ghalkemm it-Tribunal mhux dispost jaccetta li Camilleri hadem b'xejn ghax imparentelat mal-attur, min-naha l-ohra l-anqas huwa dispost jaccetta l-kont maghmul a fol 13, mahrug minn Paul Camilleri, bla data, bla rendikont kemm tal-ammont ta' xoghol esegwit, u bla ricevuti ghall-materjal mixtri. Bizzejjed jinghad li skond il-konvenut (fol 60) il-hadid li xtara Camilleri kien jiswa LM60,u mhux LM180. Dan apparti li t-total mahrug huwa - kif tajjeb irrileva l-konvenut – matematikament zbaljat. Ghalhekk jikkalkula

*arbitrio boni viri* x-xoghol li sar fl-ammont ta' LM100. It-total tal-kont ta' Camilleri ghandu jkun LM60 + LM36 + LM25 + LM100 = LM221. Ghalhekk it-total tal-prezz tal-banju jigi LM365.78 + LM117.37 + LM221 = LM704.15c.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici in parte billi jikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' LM704.15 prezz ta' banjo li twahhal ma' tractor, bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv, bl-ispejjez jinqasmu zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------